MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 1371/1998/1

Avviz Nru:-1371/98DM

Alfred u Theresa konjugi Mc'Kay

Vs

Nazzareno sive Reno Galea u martu Jane ghall kull interess illi jistgha jkollha u b'digriet tat-28 ta' Jannar 2000 gie kjamat fil-kawza lil Raymond Spiteri

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta' Lm636 (sitt mija u sitta u tletin lira Maltin) jew ammont verjuri rappresentanti danni subiti fil-vettura proprjeta taghhom Van Escort (BAB 139) liema danni gew ikkawzati dolozament mill-konvenut Nazzareno sive Reno Galea nhar l-4 ta' Frar, 1997 gewwa Santa Venera fil-limiti ta' Birkirkara.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

1 Fl-ewwel lok l-eccipjenti ma ghandhom l-ebda rapport guridiku mal-atturi la kontrattwali, la ex delicto u lanqas xort'ohra;
2 F’kull kaz ghalkemm bla pregudizju ghandu jigi msejjah fil-kawza Raymond Spiteri (Bismark Butcher, Fleur-de-Lys Road, Birkirkara) li fil-mument tal-kaz kien qed isuq il-van de quo;
3 Fit-tielet lok l-eccipjenti ma huwiex responsabbli ghad-danni reklamati u jew ghall-ammont tad-danni mitluba;
4 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza Raymond Spiteri fejn eccepixxa illi:

1 Fl-incident imsemmi tal-4 ta’ Frar, 1997, f’Santa Venera huwa kien id-detentur u is-sewwieq tal-vettura Van Escort, BAB 139, irregistrat f’isem l-attur Alfred Mc’Kay u huwa assolutament ma kellu ebda htija u responsabbilta’ ghall-hsara u danni subiti fuq l-imsemmija vettura;

2 Il-konvenut Nazzareno Galea dolozament kisser il-windscreen tal-imsemmija vettura, b’daqqiet ta’ mannara, u ergo l-istess konvenut kien unikament u esklussivament responsabbli ghall-hsara immedjata u dik konsegwenti u ghad-danni relatati, subiti fl-imsemmija vettura f’dan l-incident;

3 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

4 Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Gunju 2001 fejn il-kontendenti ghamlu riferenza ghall – provi li nstemghu fil-kawzi kriminali dwar l-istess incident u fejn din il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-processi tal-kawzi kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Reno Galea" deciza fis-17 ta' April 1998 u "Il-Pulizija vs Raymond Spiteri" deciza fit-28 ta' Mejju 1998.
Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;
Rat id-deposizzjonijiet moghtija fil-kawzi kriminali;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ma tirrizulta ebda kontestazzjoni dwar il-fatt illi l-vettura Van Escort BAB –139 hija proprjeta tal-atturi Alfred u Theresa Mc'Kay u, li din, fil-gurnata tal-incident in kwistjoni cioe fl-4 ta' Frar 1997 kienet fil-pussess tal-kjamat fil-kawza, Raymond Spiteri, u illi, minhabba diversi incidenti li kienu jimplikaw lill-konvenut u lill kjamat fil-kawza, l-vettura ta' Alfred Mc'Kay kienet giet danneggjata kif jirrizulta mir-ritratti esibiti u li din sofriet danni illi l-atturi qieghed jikkwantifikaw fis-somma ta' Lm636 (sitt mija u sitta u tletin lira Maltin).

Ghalhekk, stante l-ammissjoni tal-istess konvenut, li fid-deposizzjoni tieghu huwa stqarr illi huwa effettivament f'dan l-incident li fih kien involut ukoll il-kjamat fil-kawza, kien personalment u fizikament indanneggja l-vettura, proprjeta tal-atturi, il-Qorti issib illi hemm effettivament rapport guridiku bejn il-konvenut u l-atturi rizultanti mill-hsara volontarja ammessa u konsegwentement tichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Billi l-konvenut min-naha tieghu isosstni illi d-danni illi sofriet il-vettura tal-atturi ma gewx kollha ikkawzati minnhu izda wkoll hemm xi danni li jistghu rrizultaw minn kollizzjoni precidenti illi kienet ta' responsabbilta'

esklussiva tal-kjamat fil-kawza, u peress illi l-istess konvenut isostni illi l-agir tieghu kien b'effett ta' provokazzjoni li giet ikkawzata mill-istess kjamat fil-kawza, il-Qorti trid tezamina l-provi kollha prodotti u li ghalihom anke saret riferenza biex tista' tiddetermina min mill-konvenut u l-kjamat fil-kawza ghandhu jigi ritenuti responsabbli ghad-danni li sofrew l-atturi.

Minn ezami tal-provi prodotti dwar l-incident jirrizultaw verzjonijiet divergenti, filwaqt li l-konvenut Galea isostni illi huwa u ibnu kienu l-aggrediti mill-kjamat fil-kawza u membri tal-familja tieghu, l-kjamat fil-kawza jsostni illi kien l-istess Galea illi effettivament imblokkalu t-triq meta huwa kien qieghed isegwieh u illi in segwitu attakkah u permezz ta' mterqa kisser il-vettura tal-atturi.

Sfortunatament ma tirrizulta ebda prova provenjenti minn xi xhud indipendenti li kien prezenti fil-hin tal-incidenti u ghalhekk il-Qorti trid tara x'inhuma l-indizji u c-cirkostanzi li jistghu jesistu li jsahhu verzjoni wahda iktar mill-ohra.

Illi effettivament il-konvenut jammetti illi l-maggjor parti tal-hsarat tal-vettura tal-atturi gew ikkawzati minnhu stess, stante provokazzjoni subita minnhu minnhabba aggressjoni precedenti; izda il-prova ta' dan tispetta lill-istess konvenut.

Minn ezami bir-reqqa tal-provi prodotti jirrizultaw diversi cirkostanzi illi ghandhom rilevanza fuq il-verzjonijiet moghtija mill-persuni involuti.

Mill-isketch esibit minn Pc 508 Francis Bezzina fl-4 ta' Marzu 1997 fl-atti tal-kawza " Il-Pulizija vs Raymond Spiteri" jirrizulta illi mill mod kif spiccaw il-vetturi wara l-incidenti jidher illi effettivament hija l-vettura tal-konvenut Reno Galea li qedgha timblokka l-karreggjata tal-vettura tal-kjamat fil-kawza.

Inoltre l-ispjegazzjoni ghaliex il-konvenut waqqaf il-vettura tieghu f'dik il-posizzjoni ma taghmilx sens; dan peress illi, meta wiehed jara illi vettura ohra qedgha tinsaq fid-direzzjoni tieghu b'certa velocita', ir-reazzjoni tieghu ma

ghandiex tkun illi jieqaf ezatt f'nofs it-traettorja maghzula minn dik il-vettura l-ohra, izda li jibqa jipprocedi halli ma jikkreax ostakolu.

Wisq inqas hija kredibbli l-verzjoni tal-konvenut li jallega illi mhux biss waqaf meta ra l-vettura tal-kjamat in kawza qed tavvicinah izda, kien hemm cans bizzejjed illi ibnu li kien riekeb fuq in-naha tax-xellug, johrog mill-vettura jerga jaghlaq il-bieba u evidentement jnehhi lilhu nnifsu min-nofs qabel ma sar l-iskontru.

Ghalhekk il-Qorti ma ghandha ebda dubju illi l-verzjoni tal-konvenut f'dan ir-rigward mhix vero simili u ghandha tigi skartata, u ghalhekk tikkonkludi illi kien effettivament il-konvenut illi bil-manuvra li ghamel ried u effettivament ikkawza ostakolu lill-kjamat fil-kawza Raymond Spiteri.

Dan l-agir ukoll jindika wkoll azzjoni intenzjonali tal-istess konvenut anke qabel ma tfacca l-kjamat fil-kawza li ghalhekk jelimina kwalunkwe allegazzjoni illi huwa setgha b'xi mod kien ipprovokat.  Kien fil-fatt huwa l-istigatur tal-incidenti kollha li segwew.

Dwar l-incident sussegwenti fejn il-konvenut uza l-imterqa biex kisser il-vettura tal-atturi, jirrizultaw ukoll diversi cirkostanzi illi jnaqqsu hafna mill-kredibilita tal-verzjoni tieghu.

Infatti fid-deposizzjoni tieghu matul din il-kawza, li tinsab riportata a fol 21 tal-process, jallega illi kif ibnu hareg mill-vettura dana gie mill-ewwel aggredit minn Raymond Spiteri.  Fi kliemu "*Wara li Spiteri hareg mill-car l-ewwel haga li ghamel mar isawwat l-itifel tieghi*"*.*

Izda fl-istess hin isosstni wkoll illi anke meta hu hareg mill-karrozza kien gie aggredit mill-istess Spiteri assistit minn missieru u minn huh.

Inoltre l-konvenut ikompli jsosstni li, mhux biss huwa rnexxielu jahrab mill-attakk ta' tlett irgiel, izda meta harab huwa immedjatament hareg mterqa u minflokk   uza din l-arma biex jipproteggi l-inkolumita' ta' persunthu u dik ta'

ibnu huwa injora dak kollu li kien qieghed jissucedi madwaru u pproceda esklussivament biex kisser il-vettura li kienet misjuqa mill-kjamat fil-kawza Raymond Spiteri.

Ghalhekk minn dawn ic-cirkostanzi kollha l-Qorti ssib illi l-konvenut Nazzareno sive Reno Galea ghandu jigi ritenut responsabbli ghal hsarat kollha li sofriet il-vettura tal-attur misjuqa mill-kjamat fil-kawza u ghandhu jaghmel tajjeb ghad-danni kollha

Ghal dak li jirrigwarda l-provi dwar id-danni riklamati l-attur ipprezenta zewg (2) stimi mmarkati dokument AM1 fl-atti tal-kawza kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija Spettur M'Stella Cutajar vs Reno Galea " u li jinsabu esibit a fol 71 u 72 ta' dan il-process.

Minn dawn l-istimi jirrizulta illi hsara fi Frar tal-1997 kienet stmata li tammonta ghal somma komplessiva ta' Lm525 (hames mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin) eskluz il-Value Added Tax (VAT) u ghalhekk tenut kont ta' dan il-fatt u ta' l-istimi approssimattivi dwar il-prezz tal-'windscreen' u tal-'upholstery' il-Qorti ssib illi t-talba ghas-somma Lm636 (sitt mija u sitta u tletin lira Maltin) kif maghmula mill-attur f'dan l-avviz hija gustifikata u ghandha tigi ikkonfermata.

Min-nota tal-konvenut ipprezentata fit-12 ta' Novembru 2001 jirrizulta illi l-assikuraturi Gasan Insurance Agency Limited kif surrogati fid-drittijiet tal-konvenut Nazzareno Galea, kienu fethu proceduri civili fil-konfront ta' Raymond Spiteri ghad-danni li soffriet il-vettura tal-konvenut fl-incident in kwistjoni u din il-Qorti, diversament preseduta, b'sentenza taghha tat-22 ta' Novembru 1999 fil-kontumacja tal-kjamat fil-kawza, Raymond Spiteri, kienet laqghat it-talbiet taghhom u kkundannat lill-kjamat fil-kawza (konvenut f'din il-kawza) jhallas id-danni li gew ikkawzati fil-vettura tal-konvenut Reno Galea.

Izda din is-sentenza li del resto tinsab soggetta ghal kawza ta rittrattazzjoni, ma jista' ikollha ebda effett dwar ir-relazzjonijiet bejn l-attur Alfred Mc'Kay u d-danni li sofra

hu fil-vettura tieghu u l-konvenut u l-kjamat fil-kawza, billi dawk il-proceduri ma jimplikawh b'ebda mod.

Infatti fis-sentenza imsemmija fit- 22 ta' Novembru tal-1999, ma hija implikata b'ebda mod il-hsara li soffriet il-vettura tal-attur bl-azzjoni ta' aggressjoni tal-konvenut Nazzareno Galea u lanqas l-istess attur Alfred Mc'Kay ma kien parti f'dik il-kawza.

Ghaldaqstant il-Qorti qedgha tilqa t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz qedgha tikkundannah lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' Lm636 (sitt mija u sitta u tletin lira Maltin) u tichad l-istess talbiet tal-atturi fil-konfront tal-kjamat fil-kawza.

Ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez il-Qorti tordna li l-ispejjez kollha tal-kawza ikunu a karigu tal-konvenuti

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------